TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 73/15/GB

**Roderick Micallef**

**vs**

**Let's Talk**

Illum 17 ta' Gunju 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' April, 2015, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' sebgha mija disgha u ghoxrin Ewro (€729.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal 'mobile phone' li nxtara minghand l-intimat, liema 'mobile phone' kien difettuż.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fit-2 ta' Frar 2013, huwa kien xtara 'iphone 5' li jiswa sebgha mija disgha u ghoxrin Ewro (€729.00), pero' dan il-'mobile' tah l-inkwiet ghaliex kien dejjem bil-hsara. Kważi kull xahrejn, *ir-rikorrent kellu jiehu l-'mobile' lura l-hanut sabiex jiġi msewwi. Kull darba li r-*rikorrent staqsa lill-intimat sabiex jaghtih 'mobile' ġdid, huwa dejjem kien jaghtih xi skuża jew jipprova jwaqqa' t-tort fuqu. Kien jghidlu:

1. Dan Amerikan u mhux mill-Ewropa allura ma jistax jaghtih iehor;

2. Dan waqqghu r-rikorrent, ghax kien fih daqqa;

3. Dak bix-xoghol ghax ir-rikorrent jahdem fit-trab.

Issa l-garanzija ta' sena ghaddiet u r-rikorrent ghadu bl-istess problema.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent ghandha hafna informazzjoni mhux korretta. Il-'mobile' inxtara fit-3 ta' Jannar 2013, sentejn u erbgha xhur ilu. Kull meta r-rikorrent kellu bżonn tiswija, l-intimat dejjem tah 'loan phone' biex hu jkun moqdi.

Ir-rikorrent kien ilmenta li l-'mobile' kellu 'intermittent fault' fil-camera. Xi kultant il-camera ma kienitx tahdem. Irriżulta li din kienet 'software related' u ġiet solvuta taht garanzija minghajr spejjez ghar-rikorrent.

Xhur wara, ir-rikorrent ilmenta li l-'mobile' mhux dejjem jiccargja u l-ispeaker mhux dejjem jahdem. Dan is-sintomu huwa komuni ghal 'mobiles' li jkollhom xi 'corrosion'. Ic-'charging port' kien jidher li fih 'corrosion' u ghalhekk il-garanzija ma baqghetx tapplika. Apparti minn hekk, il-'mobile' ha daqqa kbira fil-parti ta' fuq, tant li l-'frame' kien iccippjat eżatt fuq id-'display' hdejn il-'power button'. Ghalhekk, l-intimat ma setax jiehu l-'mobile' ghand l-agent ghaliex ma kienx jaċċettah minhabba 'misuse' u 'mishandling'. – il-garanzija tal-manifattur ma kienitx ghadha valida.

Meta l-intimat fetah il-'mobile', kien evidenti li kien hemm 'corrosion' fil-parti ta' isfel tal-'mobile'. L-intimat wera dan lir-rikorrent u qablu li l-intimat jirranġa l-'mobile' u r-rikorrent ihallas biss tal-'part' involuta. Mill-kundizzjoni tal-'mobile' (kemm minn barra, kif ukoll minn ġewwa), huwa ovvju li l-'mobile' jintuża hafna waqt xoghol relatat ma' kostruzzjoni. Ghalkemm ir-rikorrent semma li kellu 'cover' apposta, jidher bic-car li l-'mobile' intuża hafna minghajr dan il-'cover'. Lir-rikorrent talbu biss l-ispejjez tal-'part' u ma talbux 'labour charges'. L-intimat irranġa l-'mobile', ir-rikorrent mar jiġbru iżda ma hallasx. Xtaq jippruvah, u meta serrah rasu li l-'mobile' kien gie sew, mar ihallas.

Iktar minn sena wara, ir-rikorrent mar il-hanut u qal li l-batterija ma kienitx qed isservieh, u l-ispeaker ġieli jaqta'. L-intimat rega' fetah il-'mobile'u rega' sab il-'corrosion' u rega' wera dan lir-rikorrent. L-intimat biddel xi 'parts' u żamm biss ta'dawn il-'parts'. Ir-rikorrent kien qallu li kien ser jiehdu ghand xi haddiehor sabiex jikkonferma li l-'parts' kienu oriġinali u minn dakinhar l-intimat qatt ma rega' sema' mir-rikorrent.

L-intimat ihoss illi m'huwiex sew li jinżamm responsabbli ghal kaz ta' 'misuse', 'mishandling' u 'corrosion', speċjalment meta huwa kkoopera kemm felah mar-rikorrent u offra li jsewwi minghajr ma kopra l-ispejjez kollha.

L-intimat ezebixxa sett ritratti relattivi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-garanzija, li ġiet immarkata bhala Dok.RM1; kopja ta' 'report sheet', li ġiet immarkata bhala Dok.RM2; kif ukoll kopja tar-ricevuta ghat-tiswija, li ġiet immarkata bhala Dok.RM3.

Ir-rikorrent ezebixxa l-'mobile' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi mill-provi jirrizulta ampjament car li l-'mobile' in kwistjoni kien fih il-'corrosion', liema stat ta' fatt gie kkoroborat mill-ammissjoni da parti tar-rikorrent illi jahdem fuq il-bahar, u flimkien mal-fatt ukoll illi ghalhekk b'tali difett l-imsemmi 'mobile' ma jibqax kopert bil-garanzija, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**